**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 930/2014 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Jon Lawrence Formosa**

**Illum 11 t'Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jon Lawrence Formosa ta' 36 sena, detentur tal-karta tal-identita' numru 546993M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi u cioe':

Talli fil-lejl ta' bejn is- 26 ta' Gunju 2014 u s-27 ta' Gunju 2014 mill-fond 'Cross Bow' Numru 78 li jinsab fi Triq Bormla Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' Television tal-ghamla Toshiba u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, u hin, ghad-detriment ta'Christopher Spiteri mill-Mosta u/jew persuni ohra.

Talli f'lejl bejn it-28 ta' Gunju 2014 u 30 ta' Gunju 2014 mill-fond 'Cross Bow' Numru 78 li jinsab fi Triq Bormla Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' timbru, bolol, u detergenti u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin, ghad-detriment ta'Christopher Spiteri mill-Mosta u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jew dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Ukoll talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi u cioe':

Talli matul ix-xahar ta' Lulju 2014 f'Rahal Gdid, Fgura, Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar 21,575ewro ghad-dannu ta' Antonia Farrugia minn Rahal Gdid , u/jew persuni /entitajiet ohra.

U aktar talli taht l-istess cirkustanzi ghamel qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Antonia Farrugia u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer iffalsifika cedula, polza ordni jew dokumenti ohra. illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew tigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel uzu minn l-istess dokumenti.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi zied jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew sqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjonijiet ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument/i iehor/ohra falsifikati.

Ukoll talli fix-xhur ta' Gunju 2014 u Lulju 2014 f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat, Dr. M.Hayman

LL.D.) b'digriet li permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat iehor u jinkaza gewwa d-dar mhux izjed tard mit-8pm.

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Jon Lawrence Formosa kif ukoll, li tordna li s-somom ta' flus bhala depositu u garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghemel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 29 ta' Settembru, 2014.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali tal-imputat, person details, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, vera kopja tal-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, current incident report datat 27 ta' Gunju, 2014 immarkata bhala Dok SZ1, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-28 ta' Settembru, 2014 immarkata bhala Dok SZ2, dikjarazzjoni bid-dritt li l-imputat jikkonsulta Avukat immarkat bhala Dok SZ3, dokument mill-Bank of Valletta mmarkata bhala Dok SZ4, vera kopja tas-sentenza moghtija fil-15 ta' Marzu, 2020 mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano mmarkata bhala Dok SZ5, fotokopja tal-karta tal-identita' ta' Antonia Farrugia mmarkata bhala Dok SZ5, vera kopja tas-sentenza moghtija fl-1 ta' Jannar, 2013 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke immarkata bhala Dok SZ6, dokument ffirmat minn Antonia Farrugia u n-Nutar Dr. Thea Cachia mmarkat bhala Dok SZ7, dokument tal-Bank immarkat bhala Dok RG, dokument tal-Bank of Valletta mmarkat bhala Dok JC1, dokument tal-Bank of Valletta mmarkat bhala Dok JC2, statement of account immarkat bhala Dok JC3, profits-savings named account

immarkat bhala Dok JC4, dokument tal-Bank immarkat bhala Dok JC1, current incident report datat 18 t'Awwissu, 2014 immarkat bhala Dok CB1, current incident report datat 27 ta' Gunju, 2014 immarkat bhala Dok CB2, dokument mahrug minn Nutar Dr. Thea Cachia mmarkat bhala Dok CC, transazzjoni mmarkata bhala Dok JA, ritratt tal-imputat immarkat bhala Dok SZ, rapport ta' Dr. Juliana Scerri Ferrante, certifikat tal-mewt ta' Antonia Farrugia, rapport tal-Probation Officer immarkat bhala Dok SB.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Spettur Spiridione Zammit, Carmel Farrugia, Christopher Spiteri, Ryan George, PS 15 Cyril Butters, Joseph Caruana, Catherine Borg Bonaci, Amy Agius, Doris Portelli Musu', Christine Camilleri, Dr. Robert Portelli, Joe Agius, Spettur Hubert Cini, Dr. Francis Agius, l-Ispettur Pierre Grech, Dr. Juliana Scerri Ferrante,

**Spettur Spiridione Zammit**, jispjega li fit-18 t'Awwissu, 2014 ghal habta tas-siegha neqsin kwart, Carmel Farrugia flimkien man-neputija tieghu Christine ghamlu rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Ir-rapport sar lis-surgent Butters fejn is-sur Farrugia nfurmah li l-Bank of Valletta ta' Rahal Gdid infurmawh li kienu ghadhom kemm ingibdu wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000) mill-kont ta' ohtu, kont numru 40019771102. Is-sur Farrugia ghamel rapport, stante li huwa ghandu l-prokura ta' ohtu Antonia Farrugia li kienet tinsab rikoverata l-Isptar Monte Carmeli, f'ward 3B. Carmel Farrugia kien mar il-bank sabiex jigbed xi flus ghan-nom ta' ohtu Antonia Farrugia, izda l-bank kienu nfurmawh li bhala bilanc kien ghad fadal biss tnax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€12.47). Is-sur Farrugia kien gie nfurmat mill-Bank li l-wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000) ingibdu minn Jon Lawrence Formosa li wkoll kellu prokura ta' Antonia Farrugia. Il-bank kienu taw lil Carmel Farrugia statement ghal perjodu mit-3 ta' Jannar, 2014 sal-14 t'Awwissu, 2014 liema statement inghatat lil Pulizija wkoll. Carmel Farrugia stqarr li Jon Lawrence Formosa flimkien mat-tfajla tieghu kienu jghixu d-dar tal-istess Carmel Farrugia matul ix-xahar ta' Gunju, 2014 stante li Jon Lawrence Formosa kien "homeless". Irrizulta minn investigazzjoni tal-Pulizija illi Jon Lawrence Formosa kien gibed il-flus mill-Bank ta' Rahal Gdid, mill-

Bank tal-Fgura u mill-Bank tal-Marsa fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Lulju, 2014 sat-28 ta' Lulju, 2014. Il-pulizija kelmet lis-sur Chris Spiteri li huwa awditur u li kien iffirma l-prokura fejn dan informa lill-Pulizija li fix-xahar ta' Gunju, 2014 kienu nsterqulu t-timbru, television tal-marka Toshiba, xi bolol kif ukoll detergent mill-ufficju tieghu gewwa Rahal Gdid. Is-sur Spiteri kien ghamel rapport l-Ghassa fis-26 ta' Gunju, 2014 dwar dan is-serq. Is-sur Spiteri gie muri xi ritratti mill-pulizija fejn kien gharaf lil Jon Lawrence Formosa u li dan kien jghix ftit l'isfel minnu. Irrizulta li stante li l-bjut ghandhom ic-cnut baxxi, il-malvivent seta' dahal mill-bjut li jinfdu ghall-ufficini tas-sur Spiteri. Chris Spiteri jikkjarifika li ghal bidu ma ndunax li t-timbru kien misruq izda wara xi gimgha li ghamel ir-rapport, induna li t-timbru kien nieqes ukoll. Minn investigazzjoni tal-pulizija, irrizulta li mill-fergha tal-Bank ta' Rahal Gdid, l-iskrivan John Ryan kien ta certu somom, mill-fergha tal-Bank tal-Fgura, l-iskrivana Amy Agius u Catherine Borg Bonaci kienu taw certu somom mill-fergha tal-Bank tal-Marsa l-iskrivan Joe Agius kien ta' certu somom. Meta gew murija xi ritratti, John Ryan u Amy Agius gharfu lil Jon Lawrence Formosa bhala l-persuna li kien talabhom certu somom ta' flus. Sussegwentement, il-Magistrat Dr. Neville Camilleri awtorizza Mandat t'Arrest fil-konfront ta' Jon Lawrence Formosa u peress li dan tal-ahhar kien jiffirma l-Ghassa ta' Bormla, kien gie arrestat fit-28 ta' Settembru, 2014. Meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu, kien ammetta li kien seraq dawn il-flejjes, kif ukoll it-timbru tal-awditur Chris Spiteri. Jon Lawrence Formosa spjega li sakemm kien qed joqghod ghand Carmel Farrugia, ikkopja certu dettalji ta' ohtu Antonia Farrugia u seraq it-timbru tal-awditur Chris Spiteri u ffalsifika l-firma tas-sur Spiteri sabiex imur il-banek u jigbed il-flus, liema ammont huwa ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u hamsa u sebghin ewro (€21,575). L-Ispettur Spiridione Zammit saqsa lil Jon Lawrence Formosa x'kien ghamel bit-television li kien seraq u dan tal-ahhar infurmah li kien partu ta' persuna partikolari izda naqas milli jghid lill-pulizija dan il-persuna min hu.

**Carmel Farrugia**, jghid li kien zamm il-"Bulo" xahar ghandu d-dar gewwa 70, Henrietta, Cospicua, Paola. Jghid li mar il-Bank jigbed xi flus ghan-nom ta' ohtu Antonia Farrugia li tinsab Mount Carmel u l-bank infurmawh li kien ghad fadal biss tnax-il ewro (€12) mentri kien jaf li fil-kont suppost kien hemm il'fuq minn wiehed u

ghoxrin elf ewro (€21,000). Il-prokura ilha ghand Carmel Farrugia ghal madwar tlett (3) snin.

**Carmel Farrugia** rega' xehed fis-16 ta' Dicembru, 2015, ikkonferma dak li xehed precedentement. Ma setax jgharaf il-persuna li kienet bil-qieghda fuq l-ewwel bank izda meta gie muri ritratt a fol 208 tal-process, dan gharfu bhala l-"Bullo", kif ukoll irrikonoxxa lehen il-"Bullo". Jiftakar illi l-prokura kien mar Haz-Zabbar ghand Nutar biex issir, liema prokura saret minn hatnu, certu Censu Bondin li ghamel il-prokura ghal fuq Carmel Farrugia. Prezenti ghal din il-prokura kien hemm anke tabib li ezamina lil Antonia. Ikkonferma li kellu jigi nvistat minn tabib minhabba ghajnejh stante li ma tantx jista' jara, sabiex jigi kkonfermat jew le jekk kellux bzonn ta' operazzjoni.

**Christopher Spiteri**, huwa awditur u gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien jghix erba' bibien l'isfel mill-ufficju tieghu Rahal Gdid.

**Christopher Spiteri** rega' xehed fl-24 ta' Marzu, 2015, wara li gie muri dokument li jinsab a fol 41 tal-process, ikkonferma li d-dokument huwa tal-Bank of Valletta kif ukoll ikkonferma li t-timbru li hemm fid-dokument, huwa timbru tieghu, izda l-firma li hemm, m'hijiex tieghu. Rega' kkonferma li fit-28 ta' Gunju dahal l-ufficju u sab il-bieb ta' wara miftuh u sab it-television u xi bollol nieqsin minn gol-ufficju. Ma ndunax mill-ewwel li t-timbru tieghu kien nieqes ukoll. Jispjega li kien mar l-Ghassa ta' Rahal Gdid sabiex jghamel rapport u kien cert li l-gurnata ta' qabel, kien dar l-ufficju u ghalaq kull m'hemm. Jghid li telaq mill-ufficju ghal habta tas-6 p.m. Jghid li bhala mpjegati, dawn jitilqu mill-ufficju fil-5 p.m. Ikompli jispjega li bhala timbri, huwa ghandu 4 li huma l-istess izda s-segretarja tieghu ghandha wiehed, hemm timbru fl-ufficju tieghu, iehor id-dar tieghu u l-ahhar wiehed qieghed fl-ufficju isfel. Ghal bidu, Christopher Spiteri ssuspetta li xi hadd mill-impjegati kienu serquh izda meta nduna li anke t-timbru tieghu kien nieqes, huwa rega' mar l-Ghassa jirraporta dan. Xi ftit zmien wara, Christopher Spiteri gie nfurmat mill-Ispettur Zammit li t-timbru tieghu kien intuza sabiex jittiehdu xi flus minghand persuna. Christopher Spiteri gie muri

prokura izda fejn hemm il-firma fuq il-kliem "signature of witness", jikkonferma li din il-firma m'hiex tieghu. Din il-prokura kienet favur Jon Lawrence Formosa u meta s-sur Spiteri gie muri ritratt ta' Jon Lawrence Formosa, dan gharfu bhala l-persuna li kien qed jghix ghand il-girien zewg bibien l'isfel mill-ufficju tieghu. Jispjega illi l-bieb ta' wara li sab miftuh jaghti ghal bitha liema bitha hija mdawra bid-djar u c-cnut tal-bjut huma gholjin bizzejjed li jaslu sal-qaghad.

**George Ryan**, huwa kaxxier mal-Bank of Valletta fil-fergha ta' Rahal Gdid u ilu jahdem il-Bank ghal seba' xhur u beda minn Marzu tas-sena 2014. George Ryan gharaf lill-imputat bhala l-persuna li gieli mar jigbed il-flus minghandu. Izid jghid li l-imputat kellu prokura u kien jigbed mill-kont ta' Antonia Farrugia. Huwa qatt ma ra prokura izda fis-sistema tal-bank kien hemm imnizzel li s-sur Jon Lawrence Formosa kellu prokura u la darba l-prokura originali tintwera gewwa l-bank, sussegwentement tigi accettata f'kull fergha tal-Bank. Bejn wiehed u iehor, Jon Lawrence Formosa kien imur darba kull hmistax il-Bank sabiex jigbed xi flus. L-ewwel darba li George Ryan ra lil Jon Lawrence Formosa kien wara xi xahrejn li beda jahdem gewwa l-Bank. Jispjega li s-sistema tal-Bank hija li meta tigi persuna biex tigbed xi flus mhux mill-kont tieghu personali, fis-sezzjoni fejn hemm "comments", il-kaxxiera jiktbu l-kliem "power of attorney", u min mar biex jigbed il-flus biex b'hekk il-persuna li ghandu dak il-kont partikolari, ikun jaf min gibed il-flus. U jekk il-persuna li ghandha l-kont personali tigbed minnu hi personalment, ma jitnizlux il-kliem "power of attorney".

**PS 15 Cyril Butters**, jikkonferma li l-okkorrenza ghamilha hu liema rapport ghamlu s-sur Carmelo Farrugia gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Lil Jon Lawrence Formosa kien kelmu l-Ispettur. Is-sur Carmelo Farrugia nforma lis-surgent li huwa kellu prokura f'isem ohtu Antonia Farrugia li kienet tinsab rikoverata Mount Carmel. Spjega li huwa jigbed ammonti ta' flus sabiex jghejjex lilu nnifsu u jixtri xi affarijiet meta jkun hemm bzonn ghal ohtu. Carmelo Farrugia spjega li meta mar biex jigbed xi flus, kien sab cifra zghira mill-ammont li suppost kien hemm. PS 15 Cyril Butters jaf lill-imputat Jon Lawrence Formosa stante li kien ghamel xi zmien jahdem l-Ghassa ta'

Bormla u l-imputat kien jghix l-Isla. Carmelo Farrugia kien infurma lis-surgent li Jon Lawrence Formosa kien ghamel zmien jghix mieghu stante li kien homeless.

**PS 15 Cyril Butters** rega' xehed fil-25 ta' Novembru, 2014, jikkonferma li huwa ghamel ir-rapport ta' serq minn ufficju ta' awdituri minn gewwa Crossbow, 78, Cospicua Road, Rahal Gdid liema rapport sar fis-27 ta' Gunju, 2014. Chris Spiteri, li huwa awditur mar jghamel rapport li meta mar biex jiftah l-ufficju fil-ghodu, sab xi affarijiet neqsin. PS 15 Butters mar fuq il-post fejn innota li sgass fuq il-bieb ta' barra ma kienx hemm u ghalhekk min dahal, dahal b'cavetta jew b'access li baqa' fil-post. Il-bieb tal-bitha ta' wara li huwa sliding door u ma jissakkarx kien punt ta' entratura facilment accessibbli. Il-bini ta' wara tal-bitha huwa gholi u fuq nett hemm burdura ta' "chicken wire", liema "chicken wire" ma deherx li huwa mghawweg. Fl-ufficju ta' Chris Spiteri nstabu zewg fliexken whisky li mill-ixkaffa ta' taht, tpoggew fuq l-ixkaffa ta' fuq. Chris Spiteri nforma lis-surgent li kien insteraqlu t-television 32" tal-marka Toshiba. Kemm Chris Spiteri u s-surgent telghu fuq il-bejt biex jaraw jekk hemmx access minn fuq il-bejt, fejn hemmhekk is-surgent sari l-bieb tal-bejt maghluq, izda kien hemm qisha mejda u sett ta' cwievet li jintuzaw biex jinfetah il-bieb tal-bejt. Ghalhekk, is-surgent ghamel ir-rapport tieghu izda wara certu zmien gie nfurmat mill-Ispettur Zammit li kien hemm xi zvolti fir-rapport stante li nstab timbru nieqes mill-ufficju ta' Chris Spiteri.

**Joseph Caruana**, huwa Manager mal-Legal Office u jispjega li huwa ghandu prokura li harget minghand Antonia Farrugia favur Carmelo Farrugia. Jispjega li l-kont huwa "Savings Account" f'isem Antonia Farrugia u ngibdu diversi ammonti ta' flus minn Jon Lawrence Formosa li kellu prokura, kif ukoll hemm ammonti li ngibdu minn Carmelo Farrugia li wkoll kellu prokura. Il-kont tas-sinjura Antonia Farrugia huwa mizmum gewwa l-fergha ta' H'Attard. Il-prokura li giet esebita fil-fergha tal-Bank ta' Bormla, irceviethа s-segretarja Doris Portelli Musu' mentri l-prokura l-ohra giet esebita fil-fergha ta' Rahal Gdid.

**Joseph Caruana** rega' xehed fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2014, fejn ikkonferma li huwa Senior Manager mal-Bank of Valletta. Huwa pprezenta hames kopji ta' transazzjonijiet li saru fuq il-kont ta' Antonia Farrugia li jgib in-numru 40000019771102 fejn tnejn minn dawn it-transazzjonijiet saru mill-kaxxiera Amy Agius u t-tlieta l-ohra saruu mill-kaxxiera Catherine Borg Bonaci. Jispjega li fit-28 ta' Lulju, 2014 ingibed l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) u ntuzat il-prokura favur Jon Lawrence Formosa. Fl-10 ta' Lulju, 2014 ingibed l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u ntuzat il-prokura favur Jon Lawrence Formosa. Fil-25 ta' Lulju, 2014 ingibed l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) u ma tnizlux dettalji f'din it-transazzjoni.

**Catherine Borg Bonaci**, hija kaxxiera mal-Bank of Valletta. Tikkonferma li fil-21 ta' Lulju, 2014 hija kienet tahdem bhala kaxxiera mal-Bank. Hija gharfet l-imputat bhala persuna familjari li gieli qdietu l-Bank. Hija tikkonferma li fi tlett okkazzjonijiet differenti kienet irrilaxxjat l-ammont ta' elf u mitejn (1,200), elf u hames mija (1,500) u disa' mija (900) lil Jon Lawrence Formosa. Inoltre tiftakar li Jon Lawrence Formosa kien qalilha li se jigbed mill-kont ta' zitu. Ghalhekk, Catherine Borg Bonaci ccekkjat mill-kompjuter u fuq is-sistema kien hemm imnizzel li Jon Lawrence Formosa kellu prokura. Ikkonfermat il-karta tal-identita' tal-imputat kif ukoll il-firma tieghu. Tiftakar li bejn transazzjoni u ohra, kien hemm xi tlett ijiem. Tispjega li l-fergha tal-Bank li kien jigi s-sur Jon Lawrence Formosa, kienet dik tal-Fgura u hija tiftakar li dejjem kien jigi wahdu.

**Amy Agius**, hija mpjegata mal-Bank. Hija gharfet lil Jon Lawrence Formosa bhala l-persuna li gieli gie jigbed xi flus u qdietu hi. Tikkonferma li hija qdietu f'zewg okkazzjonijiet fejn tatu l-ammonti ta' tlett mitt ewro (€300) u elfejn ewro (€2,000). Hija tghid li dejjem gie wahdu l-Bank tal-Fgura.

**Doris Portelli Musu'**, hija mpjegata mal-Bank u tahdem fil-fergha ta' Bormla. Hija ghamel zmien ma tahdimx stante li kienet bic-child care u regghet dahlet xoghol u issa ilha xi sentejn. Hija tispjega li bhala sistema hija tiehu l-karta tal-identita' ta' min ta l-prokura u ssib il-bank reference, umbghad tfittex min ircieva l-prokura. Ikun hemm

data "valid from" li f'dan il-kaz kienet it-30 ta' Gunju, 2104 u Doris Portelli Musu' taghtiha data. Hija kient tahdem bhala customer care service officer u sabet dokument fuq l-iskrivanija taghha li wisq probabbli tkun waslet bil-posta jew tpoggiet hemm mill-Manager taghha. Doris Portelli Musu' hija certa li ma kienx gab dan id-dokument l-imputat personalment. Spjegat li dan id-dokument jista' jasal bil-posta stante li f'dan il-kaz, il-Bank taw id-dokument lil Antonia Farrugia sabiex timliha u tmur ghand in-Nutar sabiex jaghmilha timbru, umbghad tista' ggib id-dokument personalment jew tibghatha bil-posta. Tikkonferma li l-prokura hija tas-sinjura Antonia Farrugia favur Carmelo Farrugia.

**Christine Camilleri**, tghid li Antonia Farrugia tigi z-zija taghha u ghandha xi erba' u sittin sena (64). Bhalissa Antonia Farrugia tinsab Mount Carmel u ilha hemm fuq erba' snin. Tispjega li tmur ta' spiss tara liz-ziju taghha Carmel Farrugia u dana peress li anke hu, huwa anzjan. Carmel Farrugia jghix fid-dar tieghu gewwa Rahal Gdid. Hija tghid li f'okkazzjoni minnhom, iz-ziju taghha Carmel Farrugia mar ghandha u talabha ticcekkjalu karta u tghidlu kemm fadal flus il-bank. Huwa talabha l-ghajnuna stante li ma tantx jara. Christine Camilleri qaltlu li kien ghad fadal tnax-il ewro (€12) il-Bank. Carmel Farrugia qalilha li ma jistax ikun stante li kellu jkun hemm fuq wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000). Ghalhekk, Christine qaltlu biex imur jiccekkja l-bank. Tikkonferma li l-kont li kien qed isaqsi dwaru z-ziju taghha, kien il-kont taz-zija taghha Antonia Farrugia stante li Carmel Farrugia kellu l-prokura taghha. Inoltre, tispjega li hija kienet prezenti meta z-zijiet taghha Antonia u Carmel Farrugia marru ghand in-Nutar Thea, gewwa Haz-Zabbar sabiex jaghmlu din il-prokura. Huma ghamlu l-prokura fit-12 ta' Lulju, 2011. Qabel ma marru ghand in-Nutara, marru lkoll ghand tabib biex jivverifika li Antonia Farrugia kienet taf x'inhi taghmel meta ghaddiet il-prokura favur huha Carmelo Farrugia. Christine Camilleri gharfet lil Jon Lawrence Formosa bhala l-persuna li ghamel xi zmien jghix maz-ziju taghha Carmel Farrugia. Hija tikkonferma li Jon Lawrence Formosa kien jorqod flimkien mal-partner tieghu, flimkien maz-ziju taghha Carmel Farrugia gewwa d-dar tal-istess Carmel Farrugia gewwa Rahal Gdid, u dan fil-perjodu ta' Gunju, 2014. Christine Camilleri tispjega li meta marru l-bank jiccekkjaw min gibed il-flus mill-kont ta' Antonia

Farrugia, huma ntalbu mill-haddiema tal-Bank sabiex igibu l-prokura originali, izda meta marru d-dar ifittxuha, din ma sabuha mkien.

**Dr. Francis Agius**, jghid li Antonia Farrugia kienet pazjenta tieghu u fis-6 ta' Lulju, 2011 huwa ffirma dikjarazzjoni fejn ikkonferma li Antonia Farrugia kellha kapacita li tiehu hsieb l-affarijiet taghha u kellha kapacita' testimentarja. Huwa kkonferma wkoll li fl-istess dikjarazzjoni nizzel il-fatt li Antonia Farrugia kienet qeghda taht kura tal-psikjatra Anthony Grech ukoll. Jispjega li dak inhar li huwa ghamel id-dikjarazzjoni, is-sinjura Antonia Farrugia kellha 61 sena.

**Spettur Pierre Grech**, jghid li huwa ressaq lill-imputat Jon Lawrence Formosa f'Novembru, 2006 fuq kaz iehor ta' droga. F'Jannar, 2007, Jon Lawrence Formosa inghata l-helsien mill-arrest, liema kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ghadhom vigenti u li ghalhekk Jon Lawrence Formosa kiser dawn l-istess kundizzjonijiet.

**Joseph Agius**, huwa kaxxier fil-fergha tal-bank of Valletta u fi zmien ta' dan ir-rapport, huwa kien jahdem gewwa l-Marsa. Huwa gharaf lill-imputat bhala persuna li kien gibed ammont ta' flus u Joseph Agius kien il-kaxxier li qdieh. Jikkonferma li l-imputat kellu prokura sabiex jigbed minn kont ta' mara li ma setax jiftakar x'jisimha din il-mara. Joseph Agius gie muri dokument a fol 187 tal-process fejn fil-parti t'isfel ta' dan id-dokument, kien hemm firma, numru ta' karta tal-identita' u l-kliem POA li tfisser Power of Attorney . Dan id-dokument huwa slip li jidher li Joseph Agius kien il-kaxxier li hadem it-transazzjoni fis-7 ta' Lulju, 2014, liema transazzjoni ggib in-numru 46 u l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000).

**Dr. Juliana Scerri Ferrante**, giet nominate fl-24 ta' Marzu, 2015 sabiex tghamel komparazzjoni bejn kampjun tal-firma ta' Jon Lawrence Formosa ma dokument li jinsab a fol 80 tal-process, izda giet infurmata bl-inkarigu fl-1 ta' Marzu, 2016. Hija kkonfermat li l-firma f'dokument a fol 80 tal-process u l-firma ta' Jon Lawrence Formosa, huma l-istess.

**Spettur Hubert Cini**, jikkonferma li flimkien mal-Ispettur Spiridione Zammit huwa kien ha l-istqarrija ta' Jon Lawrence Formosa nhar it-28 ta' Settembru, 2014. Jon Lawrence Formosa kien inghata t-twissija li jista' ma jwiegeb ghall-ebda domanda u kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma Avukat, fejn l-istess Formosa irrifjuta milli jkellem Avukat. Jon Lawrence Formosa ikkonferma li kien involut f'serqa minn ufficju bieb ma bieb mar-residenza 70, Paola Road, Rahal Gdid kif ukoll l-involviment tieghu li ffalsifika timbru u prokura. Jghid li ghamel fuq wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000) qliegh mis-serqa u mill-prokura.

**Dr. Robert Portelli**, jikkonferma li kienu marru ghandu zewgt ahwa sabiex jaghmlu prokura. L-ewwel ma kien avvicinah kien is-sur Grezju Farrugia. It-tabib Portelli serva bhala xhud tal-identita' u kkonferma li l-awha ffirmaw il-prokura fil-prezenza tieghu.

Rat li fl-24 ta' Mejju, 2017, l-imputat kien irregistra ammissjoni quddiem dak iz-zmien Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, fejn l-istess Magistrat kien hatar Ufficjal tal-Probation sabiex jara jekk l-imputat kienx idoneju ghal servizz fil-komunita'.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datat 26 t'Ottubru, 2017, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Mejju, elfejn u sittax (2016) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(i) Fl-artikoli 18, 20, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 18, 20, 261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 18 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 18, 308, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(v) Fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(vi) Fl-artikoli 18 u 167(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(vii) Fl-artikoli 18, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(viii) Fl-artikolu 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ix) Fl-artikolu 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(x) Fl-artikolu 18 u 188(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(xi) Fl-artikolu 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(xii) Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(xiii) Fl-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tal-15 ta' Frar, 2018 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet fosthom b'serq aggravat, ricetazzjoni, frodi, falsifikazzjoni u ohrajn. Minn dak li hareg mill-fatti tal-kaz, l-imputat kien ghamel xi zmien jghix fir-residenza ta' certu Carmel Farrugia minhabba li ma kellux fejn joqghod. Illi gara li Carmel Farrugia kellu prokura sabiex jiehu hsieb il-flus ta' ohtu li kienet rikoverata gewwa l-isptar Monte Carmeli. Illi gara li meta Carmel Farrugia mar biex jigbed xi flus gie infurmat li fil-kont bankarju ta' ohtu kienu ngibdu madwar wiehed u ghoxrin elf Euro mill-kont taghha. Illi kien ghalhekk li huwa kien ghamel rapport mal-Pulizija fuq dan il-kaz.

Mill-investigazzjoni kien irrizulta wkoll li awditur li kellu ufficju vicin ir-residenza ta' Carmel Farrugia kien safa vittma ta' serq u fost l-oggetti li serqu kien hemm timbru li huwa juza ghax-xoghol tieghu. Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija hareg li kienet intuzat prokura fejn allegatament l-imputat kien ghamel hu stess u ffalsifika l-firem ta' Christopher Spiteri fejn safa' misruq mill-ufficcju tieghu, li huwa awditur kif ukoll l-firma ta' Antonia Farrugia u uza t-timbru ta' l-awditur. Illi l-kaxxiera tal-Bank of Valletta kienu taw il-flus skont it-talba li kien ghamel l-imputat sabiex jigbed il-flus

mill-kont bankarju ta' Antonia Farrugia. Illi fil-fatt d-diversi kaxxiera li kienu xehdu f'dan il-kaz kienu gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien gie l-Bank u nghata l-flus minhabba li skont l-informazzjoni li kellhom il-Bank kien hemm prokura iffirmata minn awditur Christopher Spiteri. Illi pero mill-provi kien irrizulta li dan it-timbru uzat f'din il-prokura kien gie misruq lil Christopher Spiteri u ghalhekk sar minn wara dahru.

**Ikkunsidrat**

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti thoss li qabel xejn, ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-prova konsistenti fl-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Jon Lawrence Formosa fit-28 ta' Settembru 2014. Illi fiz-zmien li kienet ittiehdet din l-istqarrija, l-imputat ma kienx assistit waqt it-tehid ta' din l-istqarrija u dan minhabba l-fatt li dak iz-zmien ma kienx hemm dan id-dritt. Illi l-unika rimedju li kellu dak iz-zmien kien li jikkonsulta ma avukat qabel ma jsir l-interogazzjoni u mhux waqt. Illi ghalhekk dan id-dritt li jaghzel ma kellux fil-mument li huwa kien irrilaxxa l-istess stqarrija.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali** (deciza fis-27 ta' Novembru 2017) u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et** (deciza fil-5 ta' Ottubru 2018), u dan wara li kienu nghataw diversi decizjonijiet mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi dawn id-decizjonijiet hawn fuq msemmija li dak li hemm fl-artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li dan id-dritt li persuna arrestata jew suspettata li wetqet reat ghandha d-dritt li jkollha assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija. Fil-kaz deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey** (Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015), intqal li jkun hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq meta persuna ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

Illi anki fil-kawza **Dayanan vs Turkey,** il-Qorti Ewropea kienet qalet hekk fuq dan il-principju:

> *"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*
>
> *32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*
>
> *33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."*

Illi ghalhekk f'dak li gara fis-sena 2014, l-imputat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interogazzjoni mill-Pulizija. Dan minhabba l-fatt li f'dak il-perijodu, il-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx sahhah dan id-dritt lill-persuna li tkun qieghda arrestata u interrogata fuq suspett ta' reat. Illi l-unika dritt li seta' kellu l-imputat huwa li jkellem l-avukat qabel ma jsir l-interogazzjoni tieghu. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li kienet tat fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza l-***Pulizija vs Aldo Pistella*** fejn qalet hekk:-

> *"… il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għall-inqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel*

> *qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi fuq it-taghlim ta' dawn id-diversi gurisprudenza, l-istqarrija tal-imputat kienet giet maghmula fi zmien meta ma kienx hemm id-dritt li jkun assistit waqt l-interogazzjoni. Illi ghalhekk dan in-nuqqas iwassal sabiex persuna jkollha ksur tad-dritt taghha ta' smiegh xieraq. Illi anki f'dan il-kaz kwalunkwe haga li seta' qal jew semma jekk kenitx inkriminanti jew le, kien se jkollu d-dritt tieghu miksur. Illi anki fil-kawza deciza fil-5 t'Ottubru 2018 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs L-Avukat Generali et**:-

> *"F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

Illi ghalhekk kif intqal hawn fuq, din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li jekk ma tiehux in konsiderazzjoni l-insenjament ta' dan il-principju fundamentali tista' twassal ghal ksur tad-drittijiet tal-imputat. Illi l-istqarrija tieghu anki jekk kienet meqjusa il-prova regina, se tkun leziva ghad-dritt tal-imputat jekk ma kienx assistit waqt it-tehid taghha. Il-Qorti tqis li sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet li jistghu jkunu irregolari minhabba ksur tad-drittijiet tal-persuna qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontenut ta' dik l-istess stqarrija.

**L-akkuzi tas-serq u ricetazzjoni**

Illi l-ewwel tlett akkuzi sejrin jigu trattati flimkien stante li huma relatati. Illi dawn l-ewwel tlett akkuzi huma fuq serq aggravat u ricetazzjoni. Illi fl-ewwel akkuza ta' serq l-imputat ghandu s-segwenti aggravji marbutin ma' din is-serqa u cioe' bil-mezz, bil-valur u bil-hin. Waqt li fit-tieni akkuza, ir-reat ta' serq huwa aggravat biss bil-mezz u

l-hin. Illi kif diga nghad hawn fuq l-isqarrija tal-imputat din il-Qorti mhux se tikkunsidra ghal dak li diga ntqal hawn fuq. Illi ghalhekk sabiex tasal ghal konkluzzjoni dwar sejbien ta' htija trid tasal minn provi ohra.
Illi f'dan il-kaz ebda xhud ma tela u qal li kien ra lill-imputat jidhol gewwa l-ufficcju tal-awditur Christopher Spiteri. Illi pero marbut ma dan il-fatt hemm il-kwistjoni tal-prokura li giet iffirmata minn Christopher Spiteri u timbrata b'timbru tieghu li kien gie rrapurtat misruq mill-ufficcju ta' Christopher Spiteri flimkien ma' diversi oggetti ohrajn fosthom Television tal-ghamla Toshiba, bolol u detergent.

Illi ghalhekk mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuna involuta f'din is-serqa. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz fl-ismijiet r-**Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'moħħ il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz **Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

> *'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Illi hareg fil-fatt li l-imputat kien mar diversi drabi gewwa l-Bank of Valleta f'diversi lokalitajiet fejn ghamel uzu ta' prokura fejn gibed ammonti kbar ta' flus mill-kont bankarju ta' Antonia Farrugia. Illi kif inghad mix-xhieda tal-istess Christopher Spiteri li l-firma li kien hemm fuq il-prokura (a fol 41) ma kenitx tieghu izda t-timbru kien tieghu. Illi ghandu jinghad li dan it-timbru kien gie misruq lilhu u kien ghamel rapport mal-Pulizija. Illi mill-ananlizi li saret mill-espert mahtura mill-Qorti dwar il-firem li kien hemm fuq il-prokura, Dr. Scerri Ferrante ikkonfermat li l-firma li kien hemm fuq il-prokura ta' Jon Lawrence Formosa kienet tieghu. Illi ghalhekk johrog bic-car li kien hemm firma tal-istess Christopher Spiteri li kienet iffalsifikata, firma awtentika tal-istess imputat kif ukoll timbru fuq l-istess prokura li kien gie misruq. Illi anki mill-istess diversi xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u cioe' diversi kaxxiera gharfu lill-imputat li kien jigi u jinghata l-flus meta kien jipprezenta l-prokura ghan-nom ta' Antonia Farrugia. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn l-imputat kellu x'jaqsam mas-serqa li sehhet mill-ufficcju tal-istess Christopher Spiteri fejn irrizulta li kienu nsterqu diversi oggetti minn gewwa l-ufficcju tieghu inkluz it-timbru ta' Christopher Spiteri. Illi marbut ma' dan il-fatt l-imputat kien joqghod ftit bibien 'l isfel minn dan l-ufficcju u mix-xhieda mghotija mill-istess Spettur Zammit, il-bjut ta' dawn il-postijiet kienu facli li wiehed jaqbez minn wiehed ghall-iehor. Illi anki mill-istess xiehda tal-istess Christopher Spiteri ma kienx sab ebda sgass minn barra ghax meta kien fetah u nduna bis-serq tal-oggetti ma kienx sab ebda sinjali mal-bieb li seta' ndika li kienu dahlu minn barra hlief mill-bejt. Illi anki din ic-cirkostanza twassal ghal fatt li l-imputat kien involut f'dawn iz-zewg serqiet. Illi wara li l-Qorti rat kemm ix-xhieda kollha kif ukoll minn provi cirkostanzjali ohrajn ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni wahda li l-imputat kien involut.

Illi pero l-imputat qieghed iwiegeb ghall-akkuzi ta' serq aggravat li fl-ewwel kaz huwa ta' serq ta' Television. Illi mix-xhieda mghotija mill-istess Christopher Spiteri kemm fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2014 kif ukoll dik tal-24 ta' Marzu 2015 jaghmel referenza kemm ghas-serq tat-Television u anki tal-istess timbru. Illi pero ebda ricevuta ma ngiebet sabiex tikkonferma kemm kien jiswa dan it-Television li gie misruq. Illi ghalhekk l-aggravju tas-serq bil-valur ma gietx ippruvata. Illi fix-xhieda tal-istess

Christopher Spiteri semma li huwa ma kienx sab il-bieb ta' barra miftuh izda kien hemm bieb minn wara tal-bitha li sabu miftuh u ghalhekk il-persuna li dahlet ghandu sab l-access minn fuq il-bjut tad-djar biswit l-ufficcju tieghu. Illi ghalkemm huwa kien ghalaq l-ufficcju tieghu fl-ghaxija, rega' fetah l-ghada fil-ghodu. Illi ghalhekk min dahal kien matul il-lejl. Illi ghalhekk mill-fatti tal-kaz johrog li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li dan is-serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin izda mhux bil-valur stante li naqset li tressaq prova ta' kemm kien jiswa dan it-Television.

Illi fit-tieni akkuza l-istess argumenti li ntuzaw ghall-ewwel akkuza japplikaw ukoll. Illi mill-provi cirkostanzjali din il-Qorti hija tal-fehma li kien l-imputat li dahal fl-istess ufficcju u minn fejn kien insteraq din id-darba t-timbru tal-awditur Christopher Spiteri. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi meta Christopher Spiteri rega' nduna li safa' misruq ghat-tieni darba, irraporta l-Pulizija li kienu hadulu t-timbru li huwa kien ikkonferma li ntuza fuq il-prokura ta' Antonia Farrugia. Illi bla dubju ta' xejn kien l-istess imputat li wettaq din is-serqa u li minn hemm ha dan it-timbru sabiex juzah ghal dak l-iskop li huwa kellu biex jiffalsifika l-istess prokura. Illi ghalhekk anki f'dawn ic-cirkostanzi, il-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li l-imputat kien l-istess persuna li dahal u seraq dan it-timbru u ghalhekk huwa aggravat bil-hin u bil-mezz.

Illi filwaqt fit-tielet akkuza u cioe' ta' ricettazzjoni taht l-artikolu 334 jghid espressemant:

> *[...] **xjentement** jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, [...] jew, **xjentement**, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.*

Din il-Qorti tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element tax-*scienter* mehtieg f'dan ir-reat u ghal dan sejra ssir referenza ghal gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiziti u cioe' :

1. il-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;

2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza illegittima; w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]; **"Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggett mertu ta' l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni u cioe' t-Television, t-timbru u l-oggetti l-ohra kienu insterqu jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi haddiehor qabel ma dawn gew f'idejn l-imputat. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li l-imputat kien jaf li gej minn provenjenza illecita.

Illi ghandu jinghad minn dak li xehed l-istess spettur kif ukoll il-vittma Christopher Spiteri d-dikjarazzjoni taghhom tas-serq kienet sehhet u li fil-fatt din l-akkuza kienet inghatat b'mod alternattiva ghas-serq. Illi stante li l-imputat gie misjub hati ta' serq u ghalhekk u ghalhekk din il-Qorti qieghda tastjeni minn din l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni.

**Il-Frodi**

Illi ghandu jinghad li taht dan l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinkorru diversi elementi biex jigi pruvat li fil-fatt ikun kaz ta' truffa. Ghandu jinghand biex ikun hemm it-truffa irid ikun hemm mhux biss semplici *parole menzognere*, izda anke jenhtieg li jkun hemm il-*mise-en-scene* li taghti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa necessarju ghalhekk illi jigi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tigi sorpriza b'dan l-artifizju, jew kwalifiki foloz, bhal ma huma ismijiet foloz. Fil-fatt l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9, huma att li bih tigi murija haga b'ohra, maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor. Dan l-att imsemmi huwa l-messa in xena. It tieni element tal-frodi huwa l-*mens rea* u

cioe' l-att li jsir b'mod volontarju mill-persuna halli haddiehor jemmen l-ezistenza ta' xi kreditu immaginarju. L-ahhar element huwa li jrid ikun hem mil-qligh ghad-dannu ta' haddiehor.

In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

> *"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Dicembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Carmela German**' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar il-fatt jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tistax tigi kkunsidrata bhala frodi innominata.

> *"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment*

*ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reati ta' frodi nnominata u truffa li jinsab akkuzat bihom l-imputat fil-kawza odjerna din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tara jekk il-fatti tal-kaz odjern jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija reati u sabiex tikkunsidra jekk jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussistu tali reati.

Illi ghalhekk dina l-Qorti trid tara mill-provi li ghandha quddiemha jekk tistax tasal minghajr ombra ta' dubju li dak li ghamel l-imputat Jon Lawrence Formosa. Illi mill-assjem tal-provi, il-kaz jibbaza fuq ix-xiehda li taw id-diversi kaxxiera li jahdmu gewwa l-Bank of Valletta. Illi dawn kollha stqarrew li kienu qdew lill-imputat u kien urihom il-prokura li suppost kienet ghamlet Antonia Farrugia. Illi madankollu, gie pruvat li l-firma li kien hemm ta' Christopher Spiteri fil-prokura li kien qieghed juza l-imputat kienet giet iffalsifikata kif ukoll gie uzat it-timbru li kien insteraq mill-ufficcju tal-istess. Illi mhux talli hekk, illi kien hemm dokumenti esebiti tal-istess Bank li juru li mill-kont bankarju kienu ingibdu diversi somom ta' flus mill-kont ta' Antonia Farrugia u dan wara li kien hemm il-prokura murija lill-kaxxiera. Illi minghajr ebda dubbju l-imputat ta' x'jifhem li huwa kellu prokura meta kien jaf li din kienet giet iffalsifikata. Illi fil-fatt il-firma li kien hemm fuq l-istess prokura kienet tal-istess imputat.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi jindikaw b'mod car li l-imputat Jon Lawrence Formosa ghandu jinstab hati ta' frodi b'eghmil qarrieqi kif kontemplat taht l-artikolu 308. Stante li qieghed jigi misjub hati taht l-artikolu 308, din il-Qorti tastjeni milli tiehu in konsiderazzjoni minn dak li hemm fl-artikolu 309 stante li gie misjub hati taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## L-Akkuza taht l-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Din l-akkuza taqa' taht l-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn taghmel referenza ghal falsifikazzjoni ta' certu tip ta' dokument u cioe bhal cedoli, polza, ordni jew dokumenti ohra. Illi dan id-delitt jaghmilha cara li dan id-dokument biex jigi falsifikat jew billi jigi maghmula wiehed *de* novo, u cioe' dokument li qatt ma ezista qabel jew ukoll xi hadd ibiddel jew izid f'xi dokument.

Skond Sir Anthony Mamo, kif imfisser fin-noti tieghu u imsemmija fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sant et**,

> *"Our criminal code … like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings, it specifies the special ways in which the particular crimes may be committed… In two ways … may in general a forgery be committed, either by making in whole or in part a false document [counterfeiting] or by altering a genuine document."*

Ai finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita, ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghall-persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' talba jew dikjarazzjoni ta' volunta. Sintendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss s-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografati u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghid li ai fini ta' dan ir-reat "*an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient*" madanakollu Carrara jzid u jghid li mhux bizzejjed li dak li ghamel il-falsifikazzjoni kellu l-intenzjoni li jiffalsifika, pero' li kien jaf li dik il-falsifikazzjoni kienet kontra l-ligi u l-potenzjalita' setghet tikkaguna pregudizzju.

Illi minn dak li ntqal hawn fuq kemm mill-gurisprudenza u mit-taghlim iehor, l-imputat kien jaf li qieghed jaghmel uzu minn dokument li huwa stess iffalsifika billi iffirma fuqhu bil-firma tieghu stess sabiex jidher li huwa kien il-persuna li ghandu jircievi l-flus. Illi maghdud ma' dan, uza timbru li kien jaf li kien misruq minn ghand

Christopher Spiteri fejn uzah u ffalsifika l-firma tal-awditur sabiex tidher li giet awtentikata minn din il-persuna. Illi f'dan is-sens dak li hemm fl-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghmel enfazi fuq il-fatt fuq kull min jiffalsifika dokument. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn, l-imputat kienet il-persuna li ffalsifikat dan id-dokument u ghalhekk ghandu jinstab hati taht din l-akkuza.

**L-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad jipprovdi bhala reat li kull min xjentement ghamel uzu minn dokument falz kif imsemmi fl-artikoli 165, 167 u 168 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li ghal ezistenza ta' dan r-reat, jinhtieg li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat ghamel uzu minn dokument kif imsemmi f'din d-disposizzjoni tal-ligi xjentement. Illi bla dubju ta' xejn l-imputat mar b'dan id-dokument u cioe' l-prokura gewwa diversi banek u minn hemm gibed il-flus li kien hemm fil-kont ta' Antonia Farrugia. Illi ghalhekk huwa kien jaf li din il-prokura qatt ma harget fuq ismu u lanqas biss kienet awtentikata minn Christopher Spiteri ghaliex il-firma li kien hemm fuqha ma kenitx tieghu. Illi l-imputat kien jaf li din kienet iffalsifikata minnhu stess u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssibu hati talli xjentament ghamel uzu minn dan id-dokument.

**L-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> ***183.*** *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi*

*wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.*

Illi dan l-artikolu jitkellem fuq il-falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem. Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni fuq dan l-aspett ma jirrizultax li l-imputat kien biddel xi haga fuq document awtentiku. Illi kif inghad hawn fuq huwa kien ghamel dokument gdid u mhux li biddel xi haga f'dokument gia ezistenti. Ghalhekk dina l-Qorti ma sibux hati li ghamel xi falsifikazzjoni jew tibdil taht dak li qieghed jinghad taht l-artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dikta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

Illi sejra ssir referenza ghal sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Ottubru, 2005 (Numru 274/2003) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. A. Mamo) Vs John Vella** indikat l-elementi rikjesti ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"L-ewwel huwa dak li nsibu fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-elementi ta' dan ir-reat huma:-*

*- li persuna biex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew ħaddieħor*

*- bl-użu ta' dokument maħsub għal xi awtorita pubblika.*

*- xjentament tagħmel (f'dan id-dokument) dikjarazzjoni jew stqarrija falza."*

Dan l-artikolu jikkontempla falsita ideoloġika li giet spjegata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** fis-17 ta' Settembru 1997 meta din iddistingwiet bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku f'kaz fejn l-imputat wahhal *number plates* li kienu jappartjenu vettura partikolari ma' vettura ohra. Illi pero fil-kaz odjern, l-imputat m'ghamilx dikjarazzjoni falza ma' xi awtorita kif qieghed jitlob l-artikolu 188. Illi dan id-dokument li kellu l-imputat kien wiehed iffalsifikat. Illi jekk inharsu lejn is-sentenza hawn fuq kwotata, il-Qorti qalet hekk fuq din il-kwistjoni:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċioe` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta ddokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

Illi ghalhekk minn dak li qalet il-Qorti, jirrizulta b'mod car li l-imputat m'ghamilx uzu ta' dokument li minnhu nnifsu kien genwin, izda li kien huwa li ffalsifika dan id-dokument. Illi minn dak li qalet l-imputat ghamel dak li jigi msejjah il-falz materjali u mhux il-falz ideologiku.

Illi ghalhekk din il-Qorti mhux qieghda ssib hati lill-imputat taht dak li hemm fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal ragunijiet li l-Qorti sabitu hati ta' akkuzi ta' falsifikazzjoni taht l-artikolu 167, qieghda tastjeni milli tiehu in konsiderazzjoni din l-akkuza.

**L-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-ksur ta' digriet tal-libertà provizorja huwa regolat mill-Artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *579. (1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u,* ***barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu****:*
>
> *Illi din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

Illi a fol 20 tal-process gie esebit dokument dwar l-ghoti tal-helsien mill-arrest ta' Jon Lawrence Formosa. Illi dan id-dokument kien inhareg fis-sena 2007 u vera kopja tieghu qieghda fl-atti kif inghad hawn fuq. Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni resqet lill-Ispettur Pierre Grech fejn ikkonferma li l-kundizzjonijiet mghotija ghal helsien mill-arrest kienu ghadhom in vigore u li dawn il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti kienu jirreferu ghall-istess imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib hati lill-imputat talli kiser il-kundizzjonijiet impost fuqi f'Jannar 2007 meta kien inghata l-helsien mill-

arrest. Illi in oltre, il-Qorti tordna l-konfiska tad-depozitu kif ukoll il-garanzija personali u cioe' s-somma ta' elfejn u tmien mitt Lira Maltin (Lm2800) u cioe' l-ekwivalenti ghas-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u erba' u ghoxrin centezmu (6522.24 Euro).

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad mill-ewwel li sentenza li giet esebita fil-konfront tal-imputat kienet dwar pussess ta' droga (sentenza tal-15 ta' Marzu 2010 li tinstab a fol 42) fejn l-imputat kien gie misjub hati u kkundannat ghal multa ta' elf Euro (1000). Illi f'sentenza ohra li tinstab a fol 46, l-imputat ghandu l-istess karta tal-identita bhal dik tal-imputat odjern. Illi f'dan il-kaz kien gie akkuzat fuq reati ta' serq u gie misjub hati fejn wehel sentejn prigunerija.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi bla dubju ta' xejn fiz-zewg sentenzi esebiti jidher b'mod car li dawn qieghdin jirreferu ghall-istess imputat. Illi f'sentenza minnhom kien l-istess ufficjal prosekutur li kkonferma li kien l-imputat waqt li fl-ohra kien hemm l-istess dettalji tal-imputat.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa,

> "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa*."

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fil-15 ta' Marzu 2010 fejn l-imputat kien gie kundannat multa ta' elf Euro (€1000). Illi f'dan il-kaz ma ngabitx prova mill-Prosekuzzjoni li l-imputat kien hallas din il-multa u ghalhekk in vista ma dak li ntqal aktar 'il fuq il-Qorti ma tistax issibu hati ta' ricediva skont din is-sentenza.

Illi pero jibqa' s-sentenza l-ohra li giet esebita u cioe' dik tal-1 ta' Jannar 2013 fejn l-imputat kien gie kkundannat sentejn prigunerija. Illi mill-fedina penali tal-imputat jidher li ma kienx hemm appell minn din id-decizjoni. Illi ghalhekk din is-sentenza saret wahda definittiva u ma tistax tithassar. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-principju tar-recidiva japplika u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssibu hati taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali fl-ghaxra (10) ta' Mejju, elfejn u sittax (2016) hareg l-artikoli fil-konfront tal-imputat fejn huwa ghamel referenza ghal artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi.

L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) jekk tigi misjuba hatja, l-piena

tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenzi esebiti kienu jikkoncernaw wahda ta' serq u l-ohra pussess ta' droga.

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat gie meqjus li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Ghalkemm is-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista jigi applikat u cioe' taghti lok ghal zieda fil-piena. L-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva..." u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat..." Ghalhekk ladarba li l-imputat instab hati tar-recidiva skont l-artikolu 49, allura skont l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk is-sentenza taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 20, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18, 20, 261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18, 308, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 18 u 167(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 18, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jon Lawrence Formosa hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4), tas-sitta (6), tas-seba' (7), it-tnax (12), u tilliberah mit-tielet (3), mill-hames (5), mit-tmienja (8), id-disa' (9), l-ghaxra (10), il-hdax (11) il-imputazzjoni, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) snin prigunerija effettivi, li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qieghed jinstab hati, u tordna wkoll li l-ammont stabbilit ta' sitt elef hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u erba' u ghoxrin centezmu (6522.24 Euro) imposti fuq il-hati permezz ta' digriet datat 12 ta' Jannar 2007 bhala

garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux qieghed jigi applikat stante li dan l-artikolu ma giex imsemmi fl-artikoli mahruga mill-avukat generali.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**